

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1934

tat-18 ta' Marzu 2019

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 172, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Atti tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ⁽¹⁾ u tar-Repubblika tal-Kroazja ⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(2) tagħhom,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra ⁽³⁾ (il-"Ftehim") ġie ffirmat fid-9 ta' Settembru 2006 ⁽⁴⁾ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016 ⁽⁵⁾.
- (2) Il-Bulgarija u r-Rumanija saru Stati Membri tal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007 u l-Kroazja saret Stat Membru tagħha fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Atti tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija u tal-Kroazja, għandu jintlaħaq qbil dwar l-adeżjoni għall-Ftehim permezz ta' protokoll għal dak il-Ftehim (il-"Protokoll"). Skont l-Artikolu 6(2) ta' dawk l-Atti ta' Adeżjoni, għandha tapplika proċedura ssimplifikata għal tali adeżjoni, li permezz tagħha għandu jiġi konkluż protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu f'isem l-Istati Membri, u mill-pajjiż terz ikkonċernat.
- (4) Fit-23 ta' Ottubru 2006 u fl-14 ta' Settembru 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat sabiex jiġu konklużi protokoll għall-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
- (5) In-negozjati mar-Repubblika tal-Korea ntemmu b'suċċess permezz ta' skambju ta' *notes verbales*.
- (6) Jenh̄tieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat,

⁽¹⁾ Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203).

⁽²⁾ Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21).

⁽³⁾ ĠU L 288, 19.10.2006, p. 31.

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/700/KE tal-1 ta' Settembru 2006 dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 288, 19.10.2006, p. 30).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/944 tas-6 ta' Ġunju 2016 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 19).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan huwa awtorizzatsoġġett għall-konklużjoni tat-tali Protokoll ⁽⁶⁾.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jiddeżinja l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
P. DAEA

⁽⁶⁾ It-test tal-Protokoll ser jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.